TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 69/14-F

**Mario Paris**

**vs**

**Dual Zone**

Illum 30 ta' Settembru, 2014

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fis-16 t'April, 2014 fejn ir-rikorrenti talab danni ta' mija, u ħamsa u sebgħin ewro (€175), rappreżentanti prezz ta' *mobile phone* illi wara ftit żmien dan il-*mobile phone* kellu l-ħsara.

Is-soċjeta' ntimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta' ntimata li huma rappreżentanti tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa kien xtara *mobile phone* għall-prezz ta' mija, u ħamsa u sebgħin ewro (€175), u li wara ftit dan il-*mobile phone* ma baqax jiffunzjona bħal qabel.

L-intimat, fuq ordni tat-Tribunal fetaħ il-*mobile phone* u ġie innutat illi jidher li kien hemm xi ħsara fejn tidħol il-card.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal ra b'għajnejh illi verament teżisti xi ħsara fejn tista' tiġi ikkawżata biss minn xi ħadd li joqgħod idaħħal u joħroġ il-card.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jiċħad it-talba tar-rikorrenti, u bl-ispejjeż jiġu supportati ugwalment bejn il-partijiet.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888